MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 221/2011

**Sarah Jane Inguanez (ID 5416A)**

**Vs**

**Eugenio sive Gino Inguanez (ID 644958M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Marzu 2011, fejn intalab li l-konvenut tigi kkundannata ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef tlett mija u tmienja u disghin Ewro (€3,398), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, bl-imghax legali u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittra legali ta 8 ta’ Mejju 2008.

Sema’ ix-xhieda tal-konvenut fis-seduta 25 ta’ Mejju 2011 fejn ammetta illi l-ammont huwa dovut pero iddikjara ukoll

li kien hallas somma minnu u li ma kienx jiftakar kemm kien.

Sema' ix-xhieda tal-attrici tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2011 fejn l-attrici ddikjarat illi pagament zghir kien thallas u li ghalhekk l-ammont ta' tlett elef u tmienja u erbghin Ewro (€3,048) kien ghadu dovut;

Ra n-nota ta' riduzzjoni tal-attrici fejn talbet illi l-ammont jigi ridott ghall-tlett elef u tmienja u erbghin Ewro (€3,048);

Ra l-verbal tal-14 ta' Lulju 2011 fejn r-rapprezentant tal-konvenut iddikjarat illi l-konvenut qed jammetti l-ammont ta' tlett elef u tmienja u erbghin Ewro (€3,048);

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma tlett elef u tmienja u erbghin Ewro (€3,048), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------